VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,970, 28 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 310 tal-2012

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)
Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 8)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 8), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 490.04

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafi (g) u (h) tas-subregolament (10) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(g) ir-Regolamenti dwar il-Bibljoteka Pubblika ta' Malta;

(h) l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji; u

(i) l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità.".